"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuġa Tel : +356 21650165 e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

*Minuti tas- seduta numru 15 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2016 fis-5:30p.m.*

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Herman Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ: | Scott Camilleri (SC) |
| Skużati | Joseph Cutajar (J.C) |
| Membri tal-pubbliku: 3 | |

---

**Agenda għal-laqgħa:**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Offerti Pubbliċi.
10. Bring in Sites
11. Estimi Finanzjarji għas-sena 2016
12. Green Urban Areas Project
13. Traffiku u Parkeġġ.
14. Indafa u Ambjent
15. Ġonna, Parks, u Soft Areas
16. Utilitajiet u Servizzi
17. Infrastruttura
18. Attivitajiet
19. Materji oħra
20. Aġġornament tal-Laqgħa

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba.**

**Il-Viċi Sindku Joseph Cutajar talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' saħħa. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ħadu l-opportunita` biex awguraw fejqan ta' malajr lill-Viċi Sindku.**

## 15/1 Approvazzjoni tal-Minuti

15/1.1 Il-minuti tat-tlettax (13)-il laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15/1.1.1 B'referenza għall-minuta 13/5.2, Il-Kunsilliera LG, talbet li jitneħħa il-kliem. "minħabba raġunijiet ta saħħa." Il-Kunsill qabel.

15/1.1.2 B'referenza għall-minuta 13/3.4.3, Il-Kunsillier SZ, talab li jiżdied il-kliem "Il-Kunsillier SZ irrimarka wkoll li hu ma jaqbilx mad-daqs u l-lokazzjoni proposta". Il-Kunsill qabel.

15/1.1.3 B'referenza għall-minuta 13/16.1.2, Il-Kunsillier SZ talab li titneħħa il-kelma "riċentament", u li t-test "irrifjutaw li jkomplu" jiġi sostitwit bil-kelma "mhux qed". Il-Kunsill qabel.

15/1.1.4 B'referenza għall-minuta 13/9.1, Il-Kunsillier SZ, talab li jiżdied il-kliem "BLC/T/08/2015 Tender for the Upkeep of Gardens in an Environmentally Friendly Manner. Il-Kunsill qabel.

15/1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imressqa, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier SZ, issekondata mill-Kunsilliera JBD. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 13 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.,

15/1.3 Il-minuti tal-erbgħatax (14)-il laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15/1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 ġew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier KB, issekondata mill-Kunsilliera SZ. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 14 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 15/2 Punti imqajjma mill-minuti

15/2.1 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13.2.7, u staqsa jekk kienx hemm tweġiba.

15/2.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

KB

15/2.2 IL-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13/2.8 u informa li l-poċess tal-kalendarju tal-attivitijiet mal-għaqdiet miexi.

15/2.3 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13/3.1.1 u qal li Transport Malta infurmaw lill-Kunisll li huma ma jagħtux awtorizzazzjoni f'każijiet simili. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel policy hu, ladarba xi kunsilli oħra agħmlu dan it-tip ta' parkeġġ riservat.

15/2.3.1 Il-Kunsillier JB qal li ma tistax tagħmel policy ġenerali iżda tevalwa każ każ, u skont iż-żona.

15/2.3.2 Is-Sindku KB qal li ladarba talbiet simili ma tapprovahomx Trasport Malta, ifisser li ma tistax issir, u għaldaqstant, il-Kunsill m'għandux jikkunsidrahom.

15/2.4 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13/2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi.

15/2.4.1 Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

15/2.5 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13/13.2.2 u informa li minn riċerka li saret, il-Give Way fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa oriġinarjament kienet senjalazzjoni ta' Stop iżda b'intervent ta' Transport Malta kienet ġiet mibdula għal kif inhi preżentament. Dan ifisser li din ma tistax issir kif ġie ssuġġeriet fl-istess minuta.

15/2.6 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13/16.2. Huwa qal li dawn id-dwal ta' bejn l-ex impjant tal-gas u t-Torri ta' San Lucjan, hemm żoni fejn qed ġieli jixgħelu u ġieli le, u dan iffisser li l-ħsara li hemm hija ħsara intermittenti

15/2.6.1 Il-Kunsilliera JBD żieded tgħid li fl-istess żona fuq it-tappiera li hija perikoluża, iktar u iktar minħabba li m'hemmx dawl.

15/2.6.2 Il-Kunsillier SZ qal li hemm bżonn nieħdu ħsieb din il-biċċa xogħol, billi nitkellmu mal-perit ikkonċernat u insibu soluzzjoni permanenti.

15/2.6.3 Is-Sindku KB irrimarka li fl-istess żona l-istess arbli kellom is-service box tagħhom mgħottija, b'biċċa kartuna u naqra tape, u minflok bl-għatu tagħhom.

15/2.7 IL-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13/17/3.1 u qal li d-disinni tal-perit huma disponibbli, iżda minħabba li preżentatment m'hemmx kuntratt (b'tender) fuq dan ix-xogħol, il-Kunsill ser ikollu jaħdem b'kuntratturi oħra jekk irid li dan ix-xogħol isir.

15/2.8 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 13.7.4 u staqsa min ser jieħu ħsieb id-disinn bil-kambjamenti proposti ta' Misraħ il-Pajtier.

15/2.8.1 Il-Kunsill qabel li m'hemmx bżonn disinni mingħand il-perit, imma sempliċiment kemm isir tip ta' railing u tinkixef il-ħamrija fit-tarf tal-passaġġi msemmija, u liema xogħol jista' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

KB

15/2.9 Il-Kunsillier HS staqsa jekk bediex il-patching bħall dak ta' Triq it-Torri.

15/2.9.1 Is-Sindku informa li ix-xogħol beda, u għalissa saru dawk il-ħofor li kienu kemxejn kbar. Madankollu huwa informa li l-kumplament ser isir ukoll fil-ġranet li ġejjin.

15/2.10 Il-Sindku KB għamel referenza għall-minuta 14/1 u informa li s-Sinjura Gloria Abela aċċettat l-offerta ta' impjieg. Huwa żied jgħid li li proprju kienet bdiet dik il-ġimgħa u sejra tajjeb.

15/2.11 Is-Sindku KB għamel referenza għall-minuta 14/2. Huwa informa li mal-Kuntrattur kien hemm id-diskussjoni u ġiet diskussa l-possibilta` li jibdew jitbattlu l-bins minflok il-ġabra ta' nhar ta' Tlieta.

15/2.11.1 Huwa informa li nelfrattemp infetħu l-offerti relatati mal-knis tal-lokalita`, u l-offerenti kollha, barra wieħed (li huwa l-għola offerent u li huwa il-kuntrattur preżenti ta' ġbir ta skart) irrimarkaw li dan ix-xogħol ser jgħamluh b'xejn. Dan iffisser li jekk jintagħażel xi kuntrattur ieħor, ma jiġix jagħmel sens li l-Kunsill jaċċetta l-offerta imsemmija f'materja 15/2.11

15/2.11.2 Is-Sindku informa wkoll li ssejħet laqgħa mal-Greenpak sabiex tiġi diskussa xi opzjoni oħra, u waqt din il-laqgħa rriżulta li l-offerta tal-Kuntrattur li jnaqqas €55 kull nhar ta' Tlieta, tagħmel sens.

15/2.11.3 Għaldaqstant il-Kunsill qabel li temporanjament jaċċetta l-offerta ta' €55 tnaqqis. Il-Kunsill qabel.

15/2.11.4 Il-Kunsillier JBD staqsa wkoll jekk ġewx riveduti r-rati ladarba raħas il-prezz tal-fjuwil, hekk kif jitlob it-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser ikun qed jagħmel dan.

**15/3** **<u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

15/3.1 Permezz ta' e-mail mis-Sur Kurt Meilak, fejn talab għal no objection tal-Kunsill sabiex ikun jista' jqiegħed imwejjed u siġġijiet fuq pjattaforma tal-konkos eżistenti fi Triq il-Qajjenza.

15/3.1.1 Il-Kunsillier HS irrimarka li bħala kunsillier responsabbli mill-kummerċ, huwa jaqbel ma' din l-applikazzjoni. Huwa żied jgħid li din m'għandix tiġi interpretata li hija nuqqas ta rispett lejn ir-residenti iżda sempliċiment bilanċ bejn il-partijiet.

15/3.1.2 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li, għalkemm m'għandha xejn kontra l-entitajiet kummerċjali, f'dan il-każ hija favur ir-residenti u dik hija l-unika biċċa simenta fejn jistgħu jinżlu l-persuni b'siġġu tar-roti. Hija żiedet tgħid li meta iktar il-quddiem, issir

KB

il-promenade, iż-żona ser tingħalaq iktar. Għaldaqstant ser ikun hemm impatt iktar negattiv.

15/3.1.3 Is-Sindku KB irrimarka li ż-żona u l-progett issuġġeriet huwa kbir wisq u hu lest jikkonsidra inqas okkupazzjoni ta art, u żgur mingħajr il-gabbana / kiosk.

15/3.1.4 Il-Kunsillier SZ irrimarka li huwa jaqbel fil-prinċipju, iżda mhux f'dak id-daqs taż-żona, u mingħajr il-mobile kiosk. Huwa żied jgħid li tali applikazzjoni trid tiġi diskussa meta jkun jsir il- progett tal-promenade

15/3.1.5 Wara diskussjoni libera l-Kunsill, bl-eċċezzjonijiet u raġunijiet imsemmija iktar il-fuq, ma qabilx ma' din it-talba.

15/3.2 Permezz ta' ittra mis-Sur F.X. Saliba għadda poeżija u numru ta' proposti lill-Kunsill li hemm minnhom validi, minnhom li qed isiru u hemm oħrajn li ma jistgħux isiru.

15/3.2.1 Is-Sinku irrimarka li numru ta' suġġerimenti diġà qed isiru, oħrajn jistgħu isiru la darba jkun hemm il-fondi, u oħrajn ma jistgħux isiru minħabba li mhumiex fir-responsabilta` tal-kunsill.

15/3.2.2 Il-Kunsilliera nnutaw partikolament il-proposta tal-funtana tal-baħar.

15/3.2.3 Is-Sindku nnota tiġdid tar-railings tal-promenade u qal li rappreżentant tal-Kumpanija Silvercraft kien issuġġerielu li r-railings isiru tal-fibreglass u b'hekk ma jkollomx bżonn manutenzjoni daqs dawk eżistenti.

15/3.3 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ma` rappreżentant tal-Kumpanija Silvercraft fejn offrew li jatu lill-Kunsill ta' Birżebbuġa bank b'xejn ta' materjal tal-*fibreglass*. Il-Kunsill laqgħa l-offerta u qabel li dan il-bank jitwaħħal fejn il-monument ta' Tmiem il-Gwerra l-Bierda.

15/3.4 Permezz ta' ittra mingħand is-Sinjura J Bonavia Frendo, fejn talbet lill-kunsill sabiex isir sleeping policeman fi Trejqet Wied il-Klima, minħabba li vetturi qed jidħlu hemm b'velocita` eċċessiva.

15/3.4.1 Il-Kunsill innota li f'dik it-triq hemm ftit residenti.

15/3.4.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka li hemm problema teknika. Primarjament l-asfaltar għadu jsir minn Transport Malta u possibbilment għandu garanzija u għalhekk ma nistawx immissuh. Ġie nnutat ukoll li fit-triq ma saritx bankina, iżda sar ġenb bil-konkos fejn joqgħodu l-karozzi.

15/3.4.3 Għaldaqstant il-Kunsill qabel li issir verifika ma' Transport Malta jekk nistgħux immissu it-tarmac. Sadanittant, temporanjament isiru marki "slow". Il-

KB

Kunsill qabel ukoll li ssir verifika ma' Transport Malta jekk hux ser jieħdu ħsieb huma is-sinjali relevanti.

15/3.4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu lir-residenta jekk għandix xi filmati mill-kameras tas-sigurta`.

15/3.4.5 Il-Kunsillier SZ irrakkomanda wkoll li jsiru numru ta' arbli sabiex jindikaw u jservu ta' gwida għat-triq dejqa li ġiet iffurmata.

15/3.5 Permezz ta' e-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali datata 13 ta' Jannar 2015, sabiex tiġi mġedda l-Group Health Policy, għall-impjegati u l-membri tal-Kunsill.

15/3.5.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li huwa diġà għandu skema simili u għaldaqstant m'hemmx għalfejn li ssirlu oħra.

15/3.5.2 Il-Kunsill approva lil jġedded l-iskema għall-kunislliera kollha u għall-impjegati klerikali eskluż il-Kunsillier SZ.

15/3.6 Is-Sindku KB informa lill-Membri tal-Kunsill li nżammet laqgħa mal-Mepa li għaliha kienu preżenti hu u l-Perit Carmel Cacopardo, fejn ġie diskuss il-Pjan Lokali. Huwa informa li saret enfażi fuq l-introduzzjoni ta noise pollution.

15/3.6.1 Il-Kunsillier HS żied billi saqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq il-ħlas impost fuq il-freeport dak ta €955,000. Is-Sindku informa li l-proċess għadu għaddej u li l-permess għadu ma nħariġx. Għaldaqstant, ladarba qed joperaw mingħajr permess, il-Freeport qegħdin joperaw taħt multi finanzjarji.

**15/4** **<u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>**

15/4.1 Il-Kunsilliera LG infurmat li ġiet avviċinata minn Aġenzija żgħażagħ fejn offrew li jagħmlu xogħol volontarju għal ġid tal-komunita`. Hija ssuġġerixxit li jsir iż-żebgħa tat-Teatru Grieg. Is Sindku flimkien mal-membri qablu.

15/4.2 Il-Kunsilliera LG infurmat li grupp ta' żgħażagħ dilettanti tar-roti offrew li joħolqu attrazzjonijiet għall-użu ta' roti fejn qabel kien hemm l-iskate park, a spejjeż tagħhom. Is-Sindku wera diżapprovazzjoni fuq din minħabba regoli u liġijiet ta' saħħa u sigurtà. Huwa żied jgħid li l-iscate park li huwa proġettat mhuwiex ser jinbeda fl-istess sit eżatt. Il-Membri preżenti qablu li għandhom jinġiebu iktar dettalji fuq il-proġett propost.

**NB:** **6.45pm - Il-Laqgha ġiet sospiża.**
**6.50pm – Il-Laqgha tkompliet.**

15/4.3 Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sinku jekki kienx hemm żviluppi fuq il-bye-laws li l-Kunsill ressaq lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u li l-Kunsill għadu qed jistenna risposti.

KB

15/4.4 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li fejn l-istabbiliment Waters Edge qed ikun hemm nies li jidħlu bil-Mutur, b'periklu għall-pubbliku u għaldaqstant staqsiet lis-Sindku jekk tistax tittieħed azzjoni. Is-Sindku wieġeb li diġà sar rapport lill-pulizija dwar dan.

15/4.5 Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar l-istalazzjoni ta Kameras tas-Sigurta` fil-Bajja s-Sabieħa. Is-Sindku wieġeb li dik il-ġimgħa saret site visit ma' persuna teknika sabiex il-Kunsill ikollu ideja ta' x'jista' jsir. Din l-informazzjoni ser tintuża sabiex jinħoloq id-dokument tal-offerta li sussegwentament tiġi ppubblikata.

15/4.6 Il-Kunsillier SZ staqsa rigward l-AED machine, li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu il-Kunsill sabiex tiġi imqegħda f'xi post milħuq, u li s'issa ma kienx hemm konklużjoni. Is-Sindku wieġeb li ser terġa' ssir it-talba lill-Ispettur tal-Għassa ta' Birżebbuġa.

**15/5** **<u>Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>**

15/5.1 Ma kienx hemm materji / rapportu u Minuti tal-Kumitati u Sottokumitati.

**15/6** **<u>Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill</u>**

15/6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv preżenta lista ta' Memos Interni bin-numri 013, sa numru 024 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

15/6.1.1 Il-Kunsill approva it-tabella li qed tiġi annessa.

15/6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mingħand l-impjegati klerikali tal-Kunsill sabiex iġeddu l-leave tas-2015 li ma laħqux ħadu minħabba esiġenzi tax-xogħol, għas-sena 2016.

15/6.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda, li ladarba it-talba hija ġustifikata u hija permessibli, għandha tintlaqa' it-talba tal-impjegati klerikali

15/6.2.2 Il-Kunsill approva it-trasferiment tal-leave.

15/6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv preżenta lill-Kunsill l-appraisal reports tal-impjegati klerikali tal-Kunsill, Stephanie Aliosio, Simone Fenech, u Eleanor Manicaro.

15/6.3.1 Is-Segretarju qal li huwa jinsab sodisfatt bix-xoghol li jwettqu l-impjegati kollha, u kollha jilħu livell li jeċċedi dak mistenni u għaldaqstant irrakkomanda li l-impjegati msemmija jingħataw il-massimu tal-Performance Bonus, jigiefiri 6%.

15/6.3.2 Il-Kunsill qabel unanimament.

V.B

15/6.4 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-appraisal report tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Duncan Hall.

15/6.4.1 Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Duncan Hall għandu jingħata l-massimu tal-Performance Bonus jiġifieri 10%.

15/6.5 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv.

15/6.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mill-kamra tal-laqgħa sakemm il-Kunsill iddiskuta r-rapport.

15/6.5.2 Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Svetlick Flores għandu jingħata l-massimu tal-Performance Bonus jiġifieri 10%.

## 15/7 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

15/7.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni skeda ta' pagamenti bin-numru 01/16, liema skeda ġiet iċċirkolata minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

15/7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti imniżżlin fl-iskeda 01/16. Il-Kunsill approva nem con.

## 15/8 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

15/8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

## 15/9 Offerti Pubbliċi

15/9.1 Is-Sindku fetaħ il-materja billi fakkar lill-membri preżenti li għalqet il-ġurnata tas-sottomissjonijiet tal-offerti kollha ippubblikati, u għaldaqstant infetħu l-kaxxi tal-offerti.

15/9.2 Is-Sindku ressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill, l-offerta għas-Servizzi ta' Handyman – BLC/T/04/2015.

15/9.2.1 Il-Kunsill innota li l-unika offerta sottomessa kienet tilħaq ir-rekwiżiti kollha mitluba.

KB

15/9.2.2 Għaldaqstant is-Sindku ippropona li tintgħażel l-unika offerta sottomessa u konformi mar-rekwiżiti mitluba, jiġifieri dik ta' Angelo Cutajar. Il-Kunsill qabel nem con.

15/9.3 Is-Sindku KB informa li l-offerti l-oħra jiġu evalwati mill-Kumitat tal-Offerti.

15/9.4 Is-Sindku irrakkomanda li fil-każ tas-servizzi professjonali tal-accountant, issir intervista lill-ewwel 3 applikanti, u dan minħabba li huwa l-aħjar opzjoni sabiex tevalwa il-kapaċitajiet tal-offerenti, kif mitlub fid-dokument tal-offerta. Il-Kunsill qabel li jipproponi dan lill-Kumitat tal-Offerti.

**NB** **7.06pm Il-Laqgħa ġiet sospiża**
**7.10pm Il-Laqgħa tkompliet**

15/9.5 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni dokument tal-offerta li jirrigwarda l-pannelli informattivi tal-Tourist trail li l-Kunsill ser ikun qed iwettaq permezz ta' għajnuna finanzjarja mill-Ministeru għat-Turiżmu.

15/9.5.1 Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li jimxi mad-dokument propost u l-offerta tiġi ppubblikata.

## 15/10 Bring-In Sites

15/10.1 Is-Sindku fetaħ il-materja billi rrimarka li għalkemm dawn iż-żoni jafu jkunu problematiċi, huwa ma jaqbilx li jitneħħew minħabba li qed jiġi provdut servizz fejn qed jiġi mħeġġeġ ir-riċiklaġġ.

15/10.2 Is-Sindku żied jgħid li sabiex tittaffa l-problema ta' rimi ta' skart domestiku illegalment madwar il-konteniturі, qed jiġu imnaddaf kull filgħodu permezz tas-servizz tat-tipper truck, li l-kunsill għandu eżistenti, kif ukoll mill-Kuntrattur ta' ġbir ta' skart domestiku.

15/10.3 Madankollu il-Kunsill qabel li qed ikun hemm numru ta' overspills mill-konteniturі,u għaldaqstant il-Kumpanija GreenPAK għandha tintalab iżżid il-frekwenza tat-tbattil.

15/10.4 Il-Kunsillier HS issuġġerixxa wkoll li l-Kumpanija GreenPAK tintalab li jsir tindif anke taħt il-Kontenituri

## 15/11 Estimi FInanzjari għas-Sena 2016

15/11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għad-diskussjoni l-estimi finanzjari għas-sena 2016, u ta' spjegazzjoni tal-figuri.

15/11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera li, possibbilment, il-Kunsill huwa għandu jagħti is-somma ta' madwar €300000 lill-kuntrattur tal-PPP Alfred Schembri, liema ammont mhuwiex muri fl-estimi finazjarji, minħabba r-regoli finanzjarji, madankollu dan l-ammont huwa rifless fil-Financial Statements tal-Kunsill.

KB

15/11.3 Is-Segretarju informa li l-estimi jiġu ffinalizzati wara li tinżamm il-laqgħa tal-Lokalita`, u dan sabiex il-Kunsill ikun miftuħ għas-suġġerimenti tal-pubbliku.

15/11.3.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali tal-lokalita` għandha issir l-Erbgħa 15 ta' Frar fil-5.00 p.m.

**15/12** **Green Urban Project**

15/12.1 Is-Sindku KB informa lill-membri preżenti li dakinhar, inżammet laqgħa mar-rappreżentanti tal-Parks Directorate sabiex jiġi iffinalizzat il-kuntratt. Huwa informa li min naħa ta' dan id-dipartiment, taw numru ta' suġġerimenti ta' x'tip ta' pjanti/siġar jistgħu jitħawwlu, liema proposta ġiet milqugħha. Għaldaqsant huwa informa li sal-ġimgħa d-dieħla, ser jinġabu l-istimi neċessarji sabiex jiġu mibgħuta u b'hekk jiġi konkluż il-ftehim. Sussegwentament, kif il-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni, jibda x-xogħol immedjatament.

15/12.2 Il-Kunsillier Stanley Zammit issuġġerixxa li jinżergħu iktar pjanti / siġar fiż-żona ta' Wied il-Buni. Il-Kunsill qabel.

**15/13** **Traffiku u parkeġġ**

15/13.1 Il-Kunsillier SZ informa li l-pjanti relatati mad-disinn tal-parkeġġ fi Triq il-Port Ħieles kienu tlestew mill-perit tal-Kunsill. Baqa' biss li tiġi ddisinjata żebra crossing. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-bring in site ta' din it-triq tiddawwar b'xi forma ta' cubicle tal-injam sabiex tkun estetikament isbaħ. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi vverifikata jekk din tistax issir

15/13.2 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal-Trejqet Wied il-Klima, li hija maqsuma f'numra ta' partijiet, kif ukoll triq ġdida, preżentament magħrufa bħala "Triq Ġdida fi Triq tal-Ġebel".

15/13.2.1 Il-Kunsill qabel li ssir verifika ta' kif inhuma magħrufa ż-żoni, sabiex isiru l-proposti għall-tismija ta' toroq.

15/13.2.2 Is-Sindku KB talab li ssir riċerka wkoll fuq trejqa bla isem oħra, li tinsab taħt Triq tal-Papa. Il-Kunsill qabel.

15/13.3 Il-Kunsilliera LG għamlet referenza għat-Tabella li tixgħel li hemm fi Triq il-Fossili, li ġieli tixgħel u ġieli ma tixgħelx. Hija rrimarkat li din is-senjalazzjoni mhijiex qed tkun effettiva biżżejjed.

15/13.3.1 Il-Kunsillier SZ irirmarka li preżentament qed nistennew kwotazzjonijiet mingħand kuntrattur sabiex isiru l-iSpeed Cushions kif approvati minn Tranport Malta, ladarba m'hemmx tender validu fuq dan ix-xogħol.

KB

15/13.4 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li l-Kunsill għad irid jieħu ħsieb iż-żona ta' wara l-klabb tal-boċċi, liema żona ġiet identifikata għal-devoluzzjoni. Is-Sindku informa li l-proċess ta' devoluzzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali beda.

15/13.5 Il-Kunsillier SZ informa li ser ikun qed jaħdem sabiex jivverifika numru ta' materji relatati mal-parkeġġ ta' Triq it-Tankijiet.

15/13.6 Il-Kunsillier JB qal li fi Triq il-Brolli qed jgħaddu vetturi kbar bħal bowsers u minħabba li qed jiġu pparkjati vetturi u t-triq tidjieq, qed jeħlu l-vetturi. Għalhekk issuġġerixxa li jsiru d-double yellow lines fejn applikabbli. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jivverifika.

**15/14** **Indafa u Ambjent**

15/14.1 Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk hemmx xi ħsieb meta ser jiġu mitluba l-Eco Wardens. Il-Kunsill qabel li jintbagħtu t-talbiet tal-Kunsilliera lis-Segretarju Eżekuttiv, u l-amministrazzjoni tieħu ħsieb li tagħmel it-talba relevanti lir-Reġjun.

**15/15** **Ġonna Parks u Soft Areas**

15/15.1 Il-Kunsillier SZ, irrimarka li sar studju dwar it-tabelli li hemm madwar il-playing fields, u minħabba l-ammont li hemm, hija spiża sabiex dawn jinbidlu kollha.

15/15.1.1 Il-Kunsill qabel li la darba jsiru xi senjalazzjonijiet ġodda, għandu jiġi rivedut l-użu tar-roti fil-promenade.

15/15.1.2 Il-Kunsill qabel li jsir working group u jsir brainstorming fuq l-aħħjar soluzzjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsill qabel.

15/15.2 Il-Kunsilliera JBD talbet li l-Kunsill jippjana aħjar l-użu tal-art tal-konkos li hemm max-xatt ta' Triq il-Qajjenza, u jiġi żviluppat spazju ta' rikreazzjoni tal-familja. Hija ssuġġerixxiet li l-Kunsill iwaħħal bankijiet u mwejjed.

15/15.2.1 Il-Kunsillier HS qabel mal-idea u qal li b'hekk iż-żona tiġi użata bl-aħjar mod għar-rikreazzjoni tal-individwi bħall min jagħmel picnic, u kif ukoll għal dawk li jbiegħu xi ikel take-away.

15/15.2.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera LG tivverifika mal-Għaqda tal-Istorja u Kultura jekk din iż-żona għandix xi konjizzjoni / hijiex storika, u li tikkomunika mal-Kunsillier SZ .

**15/16** **Utilitajiet u Servizzi**

15/16.1 Il-Kunsillier SZ fakkar li l-Kunsill approva l-istallazzjoni ta` lampa faċċata ta' l-istabbilment Ferretti. Huwa nforma li waslet l-approvazzjoni mill-Enemalta, u

KB

għaldaqstant hemm bżonn li jsir l-arblu neċessarju, bi spiża ta' €900. Il-Kunsill approva.

15/16.2 Il-Kunsillier JB staqsa jekk jistax jiżdied id-dawl fil-pjazza ta' quddiem il-knisja, minħabba li hemm nuqqas f'dan l-aspett. Il-Kunsillier SZ ħa l-inkarigu li jitkellem mal-Kappillan tal-Lokalita`, sabiex jiġu vverifikati l-opzjonijiet kollha.

15/16.3 Il-Kunsillier SZ irrimarka dwar il-manutenzjoni li qed issir kontinwament fid-dawl tax-xatt u fejn qed ikun hemm spiża rikkorenti ta' aġġustament ta' timers. Huwa issuġġerixxa li jsiru awtomatizzati permezz ta' *dusk to dawn* switches. Il-Kunsill qabel li jinġiebu l-kwotazzjonijiet neċessarji.

15/16.4 Il-Kunsillier SZ informa dwar laqgħa li nżammet ma' sidien ta' negozji fl-Bajja s-Sabieħa, minħabba l-problema tal-provvista tal-elettriku, speċjalment fil-festa. Il-Kunisllier SZ irrimarka li possibbilment is-substation ma tiflaħx ghad-domanda ta' dawn iż-żminijiet.

15/16.4.1 Il-Kunsillier SZ tkellem ukoll dwar il-possibilta` li l-Kunsill jirrevedi l-policy tiegħu; li tal-gabbani ma jużawx generator. Huwa ppropona li l-Kunsill jikkunsidra l-introduzzjoni ta' Silent Generators. B'hekk tkun qed tittaffa id-domanda minn fuq is-sub-station.

15/16.4.2 Il-Kunsill qabel li din il-proposta għanda tiġi studjata u sussussegwentament tittieħed deċiżjoni. Nelfrattemp, il-Kunsill għandu iwassal l-ilment lill-Enemalta

15/16.5 Il-Kunsillier SZ fakkar fil-korrispondenza riċevuta riċenti mill-Enemalta, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser tinbidel is-sistema tal-applikazzjoni għal-dwal fit-toroq u li issa l-Kunsill ser ikun iktar awtonomu. Huwa ssuġġerixxa li sabiex ikun hemm kontroll intern u ma jkunx hemm lok ta' abbużż, il-verifika li kienet tagħmel l-Enemalta issa tibda ssir mill-Kunsill waqt il-laqgħa. Dan billi tittella' d-dokumentazzjoni kollha u tintuża l-istess proċedura daqs li kieku kienet ser tintbagħat lill-Enemalta, għall-iskrutinju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**15/17** **<u>Infrastruttura</u>**

15/17.1 Il-Kunsilliera LG staqsiet jekk għadux ser isir ix-xogħol ta' tranġar tal-biċċa ta' ħdejn il-light house. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u nforma li din il-materja kien qed jieħu ħsiebha l-Vici Sinkdu JC. Minħabba li ma kienx preżenti, ser jitkellem miegħu wara u ser jiddiskuti mal-Perit tal-Kunsill l-ispecifications u l-istima.

**15/18** **<u>Attivitajiet</u>**

15/18.1 Il-Kunsillier JBD tkellmet rigward l-attivita` tal-Karnival.

KB

15/18.1.1 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li xi prezzijiet suġġeriti mill-Organizzaturi setgħu kienu ftit għoljin, u kien hemm lok fejn il-Kunsill jipprova jġib prezzijiet aħjar.

15/18.1.2 Il-Kunsillier SZ tkellem rigward il-possibilta` li titwaqqaf banda żgħira ta' ftit persuni biex jallegraw il-persuni li jattendu, bi spiża ta €350.

15/18.1.3 Is-Sindku KB qal li huwa jippreferi li jsiru numru ta' affarijiet / attrazzjonijiet oħra bl-istess prezz.

15/18.1.4 Il-Kunsill qabel li tinżamm laqgħa sabiex jiġu diskussi dawn il-punti, u jiġi iffinalizzat il-programm.

15/18.2 Il-Kunsilliera LG infurmat li numru t'għaqdiet talbu li fix-xhar ta' qabel il-festa ma jiġux organizzati attivitajiet tal-Kunsill u dan sabiex ma jaħbtux mal-attivitajiet tagħhom.

15/18.2.1 Il-Kunsill innota li bħala Kunsill qatt ma żamm attivitajiet li ħabtu ma' dawk tal-Għaqdiet.

15/18.3 Il-Kunsilliera JBD fakkret lill-Kunsill fil-ħargiet li jmiss, li huma waħda l-Erbgħa 20 ta' Jannar fejn ser issir mawra l-Birgu, u attività oħra fit-12 ta' Frar: Valentines Breakfast ġewwa l-Lukanda Vivaldi.

**15/19 Materji Oħra**

15/19.1 Il-Kunsillier HS staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq it-talbiet li kien hemm minn dawk li setgħu ġarrbu ħsarat fil-karozzi. Is-Sindku informa li l-board kien qed jevalwa it-talbiet u qed nistennew ir-rapporti relevanti.

15/19.2 Il-Kunsillier JB qal li ċ-ċentru tal-anzjani talbu iktar trasport, u huwa ikkonferma l-użu ta' karozza. Madankollu, issa qed jitolbu trasport bil-van, minħabba li hemm talba għal-iktar parteċipazzjoni t'anzjani.

15/19.2.1 Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jestendi is-servizz b'van.

15/19.2.2 Il-Kunsillier JB żied li qed jinnota dizgwid, fejn anzjana ma tħallitx tmur iċ-ċentru l-Ġimgħa għax ma kienetx reġistrata. Sussegwentament kellu jsir intervent mas-superjuri taċ-ċentru. Il-Kunsillier JB żied jgħid li is-supervisor ftit li xejn tkun f'Birżebbuġa, imma tkun ġeneralment fiċ-Ċentru taż-Żejtun.

15/19.2.3 Il-Kunsillier HS qal li kellu diversi kummenti li l-anzjani m'għadhomx kuntenti.

KB

15/19.2.4 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Sur Camilleri sabiex jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet. Il-Kunsillier JB ħa l-inkarigu li jlesti aġenda għal-laqgħa.

15/19.3 Il-Kunsilliera LG tkellmet rigward il-latrini tal-librerija.

15/19.3.1 Hija nfurmat kif din il-latrina tinsab fi stat t'abbandun, u għandha bżonn rinnovazzjoni. Hija talbet li l-Kunsill jieħu ħsieb l-intervent billi joħroġ parti mill-ispiża.

15/19.3.2 Il-Kunsillier JB ma qabilx, u qal li din hija tal-iskola, madankollu il-Kunsilliera LG irrimarkat li din tintuża biss minn dawk li jiffrekwentaw il-librerija pubblika u għaldaqstant is-servizz ser ikun qed jingħata lill dawn il-persuni.

15/19.3.3 Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jingħata stima tal-ispiża, u sussegwentament jiddeċiedi.

15/19.4 L-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Scott Camilleri semma t-trasport pubbliku fejn elenka numru ta' problemi partikularment fir-rotta 210, bħal ċaqlieq ta Bus Stops, titwil fir-rotta, u ġieli anke t-trasport ma jitlax ir-rotta kollha.

15/19.4.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li numru ta' modifiki saru minħabba numru ta' raġunijiet fosthom dawk loġistiċi u sabiex ma jkunx hemm ħin ta' stennija mix-xufiera qalb il-bini residenzjali.

15/19.4.2 Is-Sindku KB informa li meta jkun hemm xi problema ta' nuqqas mix-xufiera, wieħed għandu jirrapporta mill-ewwel lill-awtorità kompetenti.

15/19.4.3 Is-Sindku informa wkoll li fin-nuqqasijiet l-oħra, l-Kunsill għadda diġà r-rapporti lill-Awtorita` kompetenti.

**15/20** **Aġġornament tal-Laqgħa**

15/20.1 Il-Kunsill aġġorna għall-Erbgħa 17 ta' Frar fil-5.30pm.

**Il-Laqgħa intemmet fit-7.30 pm**

K. Barun
Kevin Barun
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv

17/2/2016
Data